



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Dokument ta' sessjoni

A7-0420/2014

2.12.2013

*****I**

RAPPORT

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li
jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 691/2011 dwar il-kontijiet
ekonomiċi ambjentali Ewropej
(COM(2013)0247 – C7-0120/2013 – 2013/0130(COD))

Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

Rapporteur (għal opinjoni): Elena Oana Antonescu

Tifsira tas-simboli użati

- * Proċedura ta' konsultazzjoni
- *** Proċedura ta' approvazzjoni
- **I Proċedura leġislattiva ordinarja (l-ewwel qari)
- **II Proċedura leġislattiva ordinarja (it-tieni qari)
- **III Proċedura leġislattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-abbozz ta' att.)

Emendi għal abbozz ta' att

Emendi tal-Parlament f'żewġ kolonni

It-tħassir huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tax-xellug. Is-sostituzzjoni hija indikata permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fiż-żewġ kolonni. It-test ġdid huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tal-lemin.

L-ewwel u t-tieni linji tal-intestatura ta' kull emenda jidentifikaw il-parti tat-test ikkonċernata fl-abbozz ta' att inkwistjoni. Meta emenda tirrigwarda att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, l-intestatura jkun fiha wkoll it-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att.

Emendi tal-Parlament li jieħdu l-forma ta' test konsolidat

Il-partijiet tat-testi l-ġodda huma indikati permezz tat-tipa ***korsiva u grassa***. Il-partijiet tat-test imħassra huma indikati permezz tas-simbolu ■ jew huma ingassati. Is-sostituzzjoni hija indikata billi t-test il-ġdid jiġi indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** u billi jitħassar jew jiġi ingassat it-test sostitwit. Bħala eċċezzjoni, it-tibdil ta' natura strettament teknika magħmul mis-servizzi fil-preparazzjoni tat-test finali mhuwiex indikat.

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW	5
NOTA SPJEGATTIVA.....	15
PROCĊEDURA.....	17

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 691/2011 dwar il-kontijiet ekonomiċi ambjentali Ewropej

(COM(2013)0247 – C7-0120/2013 – 2013/0130(COD))

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2013)0247),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 338(1)(a) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C7-0120/2013),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel (A7-0420/2013),
1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;
 2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

Emenda 1

Proposta għal regolament

Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni

(1) Id-Deċiżjoni Nru xxx tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' xxx 2013 li tistabbilixxi s-Seba' Programm ta' Azzjoni Ambjentali Komunitarju¹ tistipula li informazzjoni tajba dwar ix-xejriet, il-perssonijiet u l-motivazzjonijiet ewlenin

Emenda

(1) Id-Deċiżjoni Nru .../... /UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' xxx 2013 li tistabbilixxi s-Seba' Programm ta' Azzjoni Ambjentali Komunitarju¹ tistipula li informazzjoni tajba dwar ix-xejriet, il-perssonijiet u l-motivazzjonijiet ewlenin

għall-bidla ambjentali hija essenzjali għall-iżvilupp ta' politika effettiva, għall-implimentazzjoni tagħha, u b'mod aktar ġenerali għall-għoti ta' setgħa liċ-ċittadini. Għandhom jiġu żviluppati strumenti bl-għan li tissaħħaħ is-sensibilizzazzjoni tal-pubbliku dwar l-effetti ambjentali tal-attività ekonomika.

għall-bidla ambjentali hija essenzjali għall-iżvilupp ta' politika effettiva, għall-implimentazzjoni tagħha, u b'mod aktar ġenerali għall-għoti ta' setgħa liċ-ċittadini. Għandhom jiġu żviluppati strumenti bl-għan li tissaħħaħ is-sensibilizzazzjoni tal-pubbliku dwar l-effetti ambjentali tal-attività ekonomika. ***Huwa importanti li tali dejta ssir disponibbli f'forma komprehensibbli u aċċessibbli u tiġi ppubblikata flimkien ma' dejta ekonomika konvenzjonali bħal PDG.***

¹ ***ĠUL ...***

⁺ ***ĠU: Jekk jogħġbok daħħal it-titolu u n-numru ta' referenza ta' ...***

Emenda 2

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1

Regolament (UE) Nru 691/2011

Artikolu 2 – punt 4

Test propost mill-Kummissjoni

(4) ‘infiq għall-protezzjoni ambjentali’ tfisser ir-riżorsi ekonomiċi ddedikati ***għall-protezzjoni*** ambjentali mill-unitajiet residenti. ***Il-protezzjoni*** ambjentali ***tinkludi*** l-attivitàjiet u l-azzjonijiet kollha li għandhom bħala skop ewlieni l-prevenzjoni, it-tnaqqis u t-tneħħija tat-tniġġis kif ukoll kwalunkwe degradazzjoni oħra tal-ambjent. Din tinkludi ***miżuri*** meħuda sabiex jagħtu mill-ġdid il-ħajja lill-ambjent wara li jkun ġie degradat. Huma esklużi l-attivitàjiet li, filwaqt li jkunu ta' benefiċċju għall-ambjent, jissodisfaw primarjament il-bżonnijiet tekniċi jew ir-rekwiżiti interni għall-iġjene jew ***għas-sigurtà*** ta' intrapriża jew ta' istituzzjoni oħra;

Emenda

(4) ‘infiq għall-protezzjoni ambjentali’ tfisser ir-riżorsi ekonomiċi ddedikati ***għall-attivitàjiet ta' protezzjoni*** ambjentali mill-unitajiet residenti. ***L-attivitàjiet tal-protezzjoni*** ambjentali ***jinkludu*** l-attivitàjiet u l-azzjonijiet kollha li għandhom bħala skop ewlieni ***l-promozzjoni ta' status ambjentali tajjeb (GES)***, u l-prevenzjoni, it-tnaqqis u/jew it-tneħħija tat-tniġġis kif ukoll kwalunkwe degradazzjoni oħra tal-ambjent. Din tinkludi ***wkoll il-miżuri kollha*** meħuda sabiex jagħtu mill-ġdid il-ħajja lill-ambjent wara li jkun ġie degradat. Huma esklużi l-attivitàjiet li, filwaqt li jkunu ta' benefiċċju għall-ambjent, jissodisfaw primarjament il-bżonnijiet tekniċi jew ir-rekwiżiti interni għall-iġjene jew ***is-sikurezza u s-sigurtà*** ta' intrapriża jew ta' istituzzjoni oħra;

Emenda 3

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1

Regolament (UE) Nru 691/2011

Artikolu 2 – punt 5

Test propost mill-Kummissjoni

5) ‘settur tal-prodotti u s-servizzi ambjentali’ tfisser dawk l-attivitajiet ta’ produzzjoni ta’ ekonomija nazzjonali li jiġġeneraw prodotti ambjentali. Il-prodotti ambjentali ġew prodotti għall-protezzjoni ambjentali u għall-ġestjoni tar-riżorsi. Il-ġestjoni tar-riżorsi tinkludi l-preservazzjoni, iż-żamma u t-tisħiħ tal-istokk ta’ riżorsi naturali u għalhekk isservi ta’ salvagwardja kontra t-tnaqqis tal-istess riżorsi;

Emenda

(5) ‘settur tal-prodotti u s-servizzi ambjentali’ tfisser dawk l-attivitajiet ta’ produzzjoni ta’ ekonomija nazzjonali li jiġġeneraw prodotti ambjentali (***oġġetti u servizzi ambjentali***). Il-prodotti ambjentali ġew prodotti għall-protezzjoni ambjentali ***kif definit fit-tieni sentenza tal-punt (4)*** u għall-ġestjoni tar-riżorsi. Il-ġestjoni tar-riżorsi tinkludi l-preservazzjoni, iż-żamma u t-tisħiħ tal-istokk ta’ riżorsi naturali u għalhekk isservi ta’ salvagwardja kontra t-tnaqqis tal-istess riżorsi;

Emenda 4

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1

Regolament (UE) Nru 691/2011

Artikolu 2 – punt 6

Test propost mill-Kummissjoni

(6) ‘kontijiet tal-fluss ta’ enerġija fiżika’ tfisser kumpilazzjonijiet konsistenti tal-flussi ta’ enerġija fiżika fl-ekonomiji nazzjonali, il-flussi fl-ekonomiji u l-ħruġ lejn ekonomiji oħra jew lejn l-ambjent.

Emenda

(6) ‘kontijiet tal-fluss ta’ enerġija fiżika’ tfisser kumpilazzjonijiet konsistenti tal-flussi ta’ enerġija fiżika fl-ekonomiji nazzjonali, il-flussi ***li jiċċirkolaw*** fl-ekonomiji u l-ħruġ lejn ekonomiji oħra jew lejn l-ambjent.

Emenda 5

Proposta għal regolament

Anness

Regolament (UE) Nru 691/2011

Anness IV – taqsima 1 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Il-kontijiet tal-protezzjoni u l-infiq ambjentali jippreżentaw dejta, b' mod li hija kompatibbli **bis-sħiħ** mad-dejta rrappurtata skont is-Sistema Ewropea tal-Kontijiet (ESA), dwar l-infiq għall-protezzjoni ambjentali, jiġifieri **ir-riżorsi** ekonomiċi ddedikati minn unitajiet residenti għall-protezzjoni ambjentali. Dawn il-kontijiet jippermettu l-kumpilazzjoni tal-infiq nazzjonali għall-protezzjoni tal-ambjent (EP) li huwa ddefinit bħala s-somma tal-użi tas-servizzi għall-protezzjoni tal-ambjent minn unitajiet residenti u l-formazzjoni grossa tal-kapital fiss (GFCF) għall-attivitajiet tal-protezzjoni tal-ambjent u tat-traferimenti għall-protezzjoni tal-ambjent li mhumiex kontroparti tal-punti ta' qabel, li minnhom jitnaqqsu l-finanzjamenti mogħtija mill-bqija tad-dinja.

Emenda 6

Proposta għal regolament

Anness

Regolament (UE) Nru 691/2011

Anness IV – taqsima 3 – ir-raba' inċiż

Test propost mill-Kummissjoni

– **il-VAT** u t-taxxi l-oħra minbarra s-sussidji fuq il-prodotti ta' servizzi għall-protezzjoni tal-ambjent,

Emenda

Il-kontijiet tal-protezzjoni u l-infiq ambjentali jippreżentaw dejta, b' mod li hija kompatibbli mad-dejta rrappurtata skont is-Sistema Ewropea tal-Kontijiet (ESA), dwar l-infiq għall-protezzjoni ambjentali, jiġifieri **r-riżorsi** ekonomiċi ddedikati minn unitajiet residenti għall-protezzjoni ambjentali. Dawn il-kontijiet jippermettu l-kumpilazzjoni tal-infiq nazzjonali għall-protezzjoni tal-ambjent (EP) li huwa ddefinit bħala s-somma tal-użi tas-servizzi għall-protezzjoni tal-ambjent minn unitajiet residenti u l-formazzjoni grossa tal-kapital fiss (GFCF) għall-attivitajiet tal-protezzjoni tal-ambjent u tat-traferimenti għall-protezzjoni tal-ambjent li mhumiex kontroparti tal-punti ta' qabel, li minnhom jitnaqqsu l-finanzjamenti mogħtija mill-bqija tad-dinja.

Emenda

– **it-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT)** u t-taxxi l-oħra minbarra s-sussidji fuq il-prodotti ta' servizzi għall-protezzjoni tal-ambjent,

Emenda 7

Proposta għal regolament

Anness

Regolament (UE) Nru 691/2011

Anness IV – taqsima 4 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. Sabiex jiġu sodisfatti l-ħtiġijiet tal-utent għal settijiet ta' dejta kompleti u fil-ħin, il-Kummissjoni (Eurostat) għandha tipproduċi stimi għat-totali tal-UE-27 għall-aggregati prinċipali ta' dan il-modulu, hekk kif tkun disponibbli dejta suffiċjenti skont il-pajjiżi. Il-Kummissjoni (Eurostat) għandha, kull fejn possibbli, tipproduċi u tippubblika stimi għad-dejta li ma ġietx trażmessa mill-Istati Membri fl-iskadenzi speċifikati fil-punt 2.

Emenda

3. Sabiex jiġu sodisfatti l-ħtiġijiet tal-utent għal settijiet ta' dejta kompleti u fil-ħin, il-Kummissjoni (Eurostat) għandha tipproduċi stimi għat-totali tal-UE-28 għall-aggregati prinċipali ta' dan il-modulu, hekk kif tkun disponibbli dejta suffiċjenti skont il-pajjiżi. Il-Kummissjoni (Eurostat) għandha, kull fejn possibbli, tipproduċi u tippubblika stimi għad-dejta li ma ġietx trażmessa mill-Istati Membri fl-iskadenzi speċifikati fil-punt 2.

Emenda 8

Proposta għal regolament

Anness

Regolament (UE) Nru 691/2011

Anness IV – taqsima 4 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

4. L-ewwel sena ta' referenza hija s-sena li fiha ***jidħol*** fis-seħħ dan ir-Regolament.

Emenda

4. L-ewwel sena ta' referenza hija s-sena ***ta' wara dik*** li fiha ***daħal*** fis-seħħ dan ir-Regolament.

Emenda 9

Proposta għal regolament

Anness

Regolament (UE) Nru 691/2011

Anness IV – taqsima 4 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni

5. Fl-ewwel trażmissjoni ta' dejta, l-Istati Membri għandhom jinkludu d-dejta annwali ***mill-2013*** sal-ewwel sena ta'

Emenda

5. Fl-ewwel trażmissjoni ta' dejta, l-Istati Membri għandhom jinkludu d-dejta annwali ***mill-2014*** sal-ewwel sena ta'

referenza.

referenza.

Emenda 10

Proposta għal regolament

Anness

Regolament (UE) Nru 691/2011

Anness V – taqsima 1 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Il-kontijiet għall-oġġetti u s-servizzi ambjentali għandhom jitfasslu bl-użu ta' informazzjoni eżistenti miksuba minn kontijiet nazzjonali, statistiċi tan-negozju strutturali, reġistri tan-negozju u sorsi oħra.

Emenda 11

Proposta għal regolament

Anness

Regolament (UE) Nru 691/2011

Anness V - taqsima 4 - paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3. Sabiex jiġu sodisfatti l-ħtiġijiet tal-utent għal settijiet ta' dejta kompleti u fil-ħin, il-Kummissjoni (Eurostat) għandha tipproduċi stimi għat-totali tal-UE-27 għall-aggregati prinċipali ta' dan il-modulu, hekk kif tkun disponibbli dejta suffiċjenti skont il-pajjiżi. Il-Kummissjoni (Eurostat) għandha, kull fejn possibbli, tipproduċi u tippubblika stimi għad-dejta li ma ġietx trażmessa mill-Istati Membri fl-iskadenzi speċifikati fil-punt 2.

3. Sabiex jiġu sodisfatti l-ħtiġijiet tal-utent għal settijiet ta' dejta kompleti u fil-ħin, il-Kummissjoni (Eurostat) għandha tipproduċi stimi għat-totali tal-UE-28 għall-aggregati prinċipali ta' dan il-modulu, hekk kif tkun disponibbli dejta suffiċjenti skont il-pajjiżi. Il-Kummissjoni (Eurostat) għandha, kull fejn possibbli, tipproduċi u tippubblika stimi għad-dejta li ma ġietx trażmessa mill-Istati Membri fl-iskadenzi speċifikati fil-punt 2.

Emenda 12

Proposta għal regolament

Anness

Regolament (UE) Nru 691/2011

Anness V - taqsima 4 - paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

4. L-ewwel sena ta' referenza hija s-sena li fiha ***jidħol*** fis-seħħ dan ir-Regolament.

Emenda

4. L-ewwel sena ta' referenza hija s-sena ***ta' wara dik*** li fiha ***daħħal*** fis-seħħ dan ir-Regolament.

Emenda 13

Proposta għal regolament

Anness

Regolament (UE) Nru 691/2011

Anness V - taqsima 4 - paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni

5. Fl-ewwel trażmissjoni ta' dejta, l-Istati Membri għandhom jinkludu d-dejta annwali ***mill-2013*** sal-ewwel sena ta' referenza.

Emenda

5. Fl-ewwel trażmissjoni ta' dejta, l-Istati Membri għandhom jinkludu d-dejta annwali ***mill-2014*** sal-ewwel sena ta' referenza.

Emenda 14

Proposta għal regolament

Anness

Regolament (UE) Nru 691/2011

Anness VI – taqsima 4 – punt 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. L-istatistiki għandhom jiġu trażmessi fi żmien ***18-il*** xahar mit-tmien tas-sena ta' referenza.

Emenda

2. L-istatistiki għandhom jiġu trażmessi fi żmien ***21-il*** xahar mit-tmien tas-sena ta' referenza.

Emenda 15

Proposta għal regolament

Anness

Regolament (UE) Nru 691/2011

Anness VI - taqsima 4 - paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. Sabiex jiġu sodisfatti l-ħtiġijiet tal-utent għal settijiet ta' dejta kompleti u fil-ħin, il-Kummissjoni (Eurostat) għandha tipproduċi stimi għat-totali tal-UE-27 għall-aggregati prinċipali ta' dan il-modulu, hekk kif tkun disponibbli dejta suffiċjenti skont il-pajjiżi. Il-Kummissjoni (Eurostat) għandha, kull fejn possibbli, tipproduċi u tippubblika stimi għad-dejta li ma ġietx trażmessa mill-Istati Membri fl-iskadenzi speċifikati fil-punt 2.

Emenda

3. Sabiex jiġu sodisfatti l-ħtiġijiet tal-utent għal settijiet ta' dejta kompleti u fil-ħin, il-Kummissjoni (Eurostat) għandha tipproduċi stimi għat-totali tal-UE-28 għall-aggregati prinċipali ta' dan il-modulu, hekk kif tkun disponibbli dejta suffiċjenti skont il-pajjiżi. Il-Kummissjoni (Eurostat) għandha, kull fejn possibbli, tipproduċi u tippubblika stimi għad-dejta li ma ġietx trażmessa mill-Istati Membri fl-iskadenzi speċifikati fil-punt 2.

Emenda 16

Proposta għal regolament

Anness

Regolament (UE) Nru 691/2011

Anness VI - taqsima 4 - paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

4. L-ewwel sena ta' referenza hija s-sena li fiha ***jidħol*** fis-seħħ dan ir-Regolament.

Emenda

4. L-ewwel sena ta' referenza hija s-sena ***ta' wara dik*** li fiha ***daħal*** fis-seħħ dan ir-Regolament.

Emenda 17

Proposta għal regolament

Anness

Regolament (UE) Nru 691/2011

Anness VI - taqsima 4 - paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni

5. Fl-ewwel trażmissjoni ta' dejta, l-Istati Membri għandhom jinkludu d-dejta annwali ***mill-2013*** sal-ewwel sena ta'

Emenda

5. Fl-ewwel trażmissjoni ta' data, l-Istati Membri għandhom jinkludu d-data annwali ***mill-2014*** sal-ewwel sena ta' referenza.

referenza.

Emenda 18

Proposta għal regolament

Anness

Regolament (UE) Nru 691/2011

Anness VI – taqsima 5 – punt 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

1. Għall-karatteristiċi msemmija fit-Taqsima 3, għandha tiġi rrapportata d-dejta li ġejja:

Emenda

1. Għall-karatteristiċi msemmija fit-Taqsima 3, għandha tiġi rrapportata d-dejta li ġejja ***f'unitajiet fiżiċi***:

Emenda 19

Proposta għal regolament

Anness

Regolament (UE) Nru 691/2011

Anness VI – taqsima 5 – punt 1 – l-ewwel inċiż

Test propost mill-Kummissjoni

– Tabelli tar-riżorsi għall-flussi tal-enerġija ***fl-unitajiet fiżiċi***: Din it-tabella tirreġistra r-riżorsi ta' enerġija naturali, il-prodotti ta' enerġija u r-residwi ta' enerġija (ringieli) skont l-oriġini, jiġifieri 'l-fornitur'(kolonni).

Emenda

– Tabella tar-riżorsi għall-flussi ta' enerġija: Din it-tabella tirreġistra r-riżorsi ta' enerġija naturali, il-prodotti ta' enerġija u r-residwi ta' enerġija (ringieli) skont l-oriġini, jiġifieri 'l-fornitur'(kolonni).

Emenda 20

Proposta għal regolament

Anness

Regolament (UE) Nru 691/2011

Anness VI – taqsima 5 – punt 5 – it-tieni inċiż

Test propost mill-Kummissjoni

– Il-prodotti ta' enerġija huma miġbura skont il-klassifikazzjoni tal-prodotti bl-attività (***CPA***) u l-klassifikazzjoni użata fl-

Emenda

– Il-prodotti ta' enerġija huma miġbura skont il-klassifikazzjoni tal-prodotti bl-attività u l-klassifikazzjoni użata fl-

istatistiki Ewropej tal-enerġija.

istatistiki Ewropej tal-enerġija.

Emenda 21

Proposta għal regolament

Annex

Regolament (UE) Nru 691/2011

Annex VI – taqsima 5 – punt 6

Test propost mill-Kummissjoni

6. Il-‘korrelazzjoni’ bejn l-indikatur prinċipali skont il-prinċipju ta’ residenza u l-indikatur ibbażat fuq it-territorju hija ppreżentata għall-ekonomija nazzjonali kollha (l-ebda analiżi mill-industriji) u tinkiseb kif ġej:

użu totali ta’ enerġija b’unitajiet residenti
– użu ta’ enerġija b’unitajiet residenti barra mill-pajjiż

+ użu ta’ enerġija minn persuni fit-territorju li mhumiex residenti

= konsum gross domestiku tal-enerġija (ibbażat fuq it-territorju)

Emenda

6. Il-‘korrelazzjoni’ bejn l-indikatur prinċipali skont il-prinċipju ta’ residenza u l-indikatur ibbażat fuq it-territorju hija ppreżentata għall-ekonomija nazzjonali kollha (l-ebda analiżi mill-industriji) u tinkiseb kif ġej:

użu totali ta’ enerġija b’unitajiet residenti
– użu ta’ enerġija b’unitajiet residenti barra mill-pajjiż

+ użu ta’ enerġija minn persuni fit-territorju li mhumiex residenti

+ ***id-differenzi statistiċi***

= konsum gross domestiku tal-enerġija (ibbażat fuq it-territorju)

NOTA SPJEGATTIVA

Mill-2003, il-kontabilità ambjentali kienet fuq l-aġenda tal-Unjoni Ewropea, minħabba li l-PDG waħdu ma baqax jitqies bħala indikatur suffiċjenti għall-kejl tal-progress u tal-benessri tal-poplu fid-dinja.

F'Ġunju 2006, il-Kunsill Ewropew stieden lill-Unjoni Ewropea u lill-Istati Membri tagħha jestendu l-kontabilità nazzjonali klassiċi lil aspetti ewlenin ta' żvilupp sostenibbli u biex jissupplimentaw il-kontijiet nazzjonali b'kontijiet ekonomiċi ambjentali totalment konsistenti u integrati.

F'Awwissu 2008, il-Kummissjoni Ewropea ppubblikat il-Komunikazzjoni tagħha dwar "il-PDG u lil hinn - il-kejl tal-progress f'dinja li qed tinbidel (COM(2009)433)" li fiha esprimiet l-intenzjoni tagħha li tiżviluppa għodod b'saħħithom għall-kejl tal-progress fit-twassil ta' għanijiet soċjali, ekonomiċi u ambjentali b'mod sostenibbli. Il-ħtieġa li jiġu ntraċċjati r-rabtiet bejn l-ambjent u l-ekonomija, biex jitkejjel x'impatt l-ekonomija għandha fuq l-ambjent u kif l-ambjent jikkontribwixxi għall-ekonomija diġà saret evidenti ħafna.

F'April 2010, il-Kummissjoni Ewropea pproponiet għall-ewwel darba r-Regolament dwar il-kontijiet ambjentali Ewropej li ġie sussegwentament adottat u daħal fis-seħħ fl-Lulju 2011 bħala r-Regolament 691/2011, u li introduċa l-ewwel tliet moduli: kontijiet dwar l-emissjonijiet fl-ajra, taxxi ambjentali u kontijiet dwar il-fluss tal-materjal. F'dawk iż-żmenijiet, dawn it-tliet moduli l-ġodda tqiesu biss bħala l-ewwel pass lejn strument b'saħħtu għall-kontabilità ambjentali. Fl-Artikolu 10 tar-Regolament, il-Parlament sostna b'mod attiv l-inseriment ta' lista ta' moduli ġodda possibbli bħala prijoritajiet għal żvilupp futur.

Wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament, il-Eurostat flimkien mal-Istati Membri bdew iwettqu testijiet pilota speċjalment fir-rigward tal-ewwel tliet modalitajiet elenkati fl-Artikolu 10 tar-Regolament: nefqa għall-protezzjoni ambjentali, is-settur tas-servizzi u l-kontijiet fiżiċi dwar il-fluss tal-enerġija. Laħqu l-konklużjoni li dawn kienu l-aktar maturi minn aspekk kuċettwali u għalhekk ipproponew estensjoni tar-Regolament 691/2011 għal dawn iż-żewġ moduli.

Ir-rapporteur tilqa' l-proposta li tressqet mill-Kummissjoni u temmen li l-kontijiet ġodda se jikkontribwixxu għall-iżvilupp ulterjuri ta' indikaturi aktar komprensivi għal dibattitu pubbliku u tfassil tal-politika aħjar. Minħabba r-restrizzjonijiet finanzjarji u personali li l-istituti tal-istatistika nazzjonali jridu jaffrontaw għalissa huwa importanti li wieħed jiffoka fuq it-titjib tal-kwalità u l-użu tal-moduli li jeżistu diġà u dawk li l-Kummissjoni ppreżentat permezz tal-proposta attwali. Huwa importanti li l-piż amministrattiv addizzjonali jinżamm għal dak li hu meħtieġ.

Wara konsultazzjoni ma' diversi servizzi responsabbli biex jiġbru d-dejta, deher biċ-ċar li xi Stati Membri għad ma kinux lesti għal din l-esperjenza ġdida u riedu jipposponu l-applikazzjoni b'sena. Ir-rapporteur tista' taqbel ma dan, jekk jibbenefika l-kwalità tad-dejta pprovduta mill-Istati Membri lil Eurostat.

Ir-rapporteur tista' tinkoraġixxi biss l-użu aktar mifruq tad-dejta tal-kontijiet ambjentali mill-

Kummissjoni Ewropea u l-amministrazzjoni nazzjonali sabiex jiżviluppaw politiki mmirati sew li huma kapaċi jikkontribwixxu għall-prijoritajiet tal-politiki tal-Unjoni għal tkabbir aħdar u l-effiċjenza fl-użu tar-riżorsi.

PROĊEDURA

Titolu	Il-kontijiet ekonomiċi ambjentali Ewropej
Referenzi	COM(2013)0247 – C7-0120/2013 – 2013/0130(COD)
Data meta ġiet ippreżentata lill-PE	2.5.2013
Kumitat responsabbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	ENVI 21.5.2013
Kumitat(i) mitlub(a) jagħti/u opinjoni Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	ECON 21.5.2013
Opinjoni(jiet) mhux mogħtija Data tad-deċizzjoni	ECON 18.6.2013
Rapporteur(s) Data tal-ħatra	Elena Oana Antonescu 19.6.2013
Eżami fil-kumitat	24.10.2013
Data tal-adozzjoni	27.11.2013
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 59 –: 0 0: 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Elena Oana Antonescu, Paolo Bartolozzi, Sandrine Bélier, Sergio Berlato, Lajos Bokros, Franco Bonanini, Biljana Borzan, Yves Cochet, Spyros Danellis, Chris Davies, Esther de Lange, Bas Eickhout, Edite Estrela, Jill Evans, Karl-Heinz Florenz, Elisabetta Gardini, Gerben-Jan Gerbrandy, Matthias Groote, Françoise Grossetête, Satu Hassi, Jolanta Emilia Hibner, Dan Jørgensen, Karin Kadenbach, Martin Kastler, Holger Krahmer, Corinne Lepage, Kartika Tamara Liotard, Linda McAvan, Miroslav Ouzký, Gilles Pargneaux, Andrés Perelló Rodríguez, Pavel Poc, Frédérique Ries, Anna Rosbach, Dagmar Roth-Behrendt, Kārlis Šadurskis, Carl Schlyter, Richard Seeber, Bogusław Sonik, Claudiu Ciprian Tănăsescu, Thomas Ulmer, Glenis Willmott, Sabine Wils, Marina Yannakoudakis
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Erik Bánki, Gaston Franco, Julie Girling, Eduard-Raul Hellvig, Georgios Koumoutsakos, Jiří Maštálka, Judith A. Merkies, Miroslav Mikolášik, James Nicholson, Alojz Peterle, Vittorio Prodi, Marita Ulvskog, Vladimir Urutchev, Anna Záborská, Andrea Zanoni
Data tat-tressiq	2.12.2013